MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 5/2006

**Romina Cachia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Marzu, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra l-appell u d-decizjoni appellata.

Ra r-risposta tad-Direttur.

Ikkunsidra:

Illi l-appellanti kienet beneficjarja ta' l-Assistenza Socjali sad-9 ta' Settembru 2005. Fl-imsemmija data din l-assistenza giet lilha mwaqqfa stante li wara li saret spezzjoni mill-ispetturi tad-dipartiment fl-indirizz ta' l-appellanti, u cioe` fil-fond nru , triq Bur Langasa, Zurrieq, id-Direttur tas-Sigurta` Socjali ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti qed tabita fl-indirizz moghti minnha.

L-Arbitru wara li ra r-rapport ta' l-ispetturi (Dok C anness mar-risposta tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali), wara li sema' x-xhieda ta' l-ispetturi li hejjew l-imsemmi rapport, ix-xhieda ta' l-appellanti u ta' ommha, M' Dolores Cachia, jidhirlu li jirrizulta ampjament ippruvat li l-appellanti u tliet uliedha minuri ma jghixux fl-indirizz indikat fl-applikazzjoni relattiva.

L-Arbitru, jidhirlu wkoll li r-ragunijiet moghtija mill-appellanti sabiex tiggustifika l-assenza taghha u tat-tliet uliedha mill-indirizz imsemmi fid-data li fiha saret l-ispezzjoni huma ghal kolloz inverosimili u ghalhekk inaccettabli.

Fic-cirkostanzi jidher li d-decizjoni appellata hija ghal kollox gusitifikata.

Ghal dwan il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata giet ikkonfermata."

Ir-Rikorrenti Romina Cachia tikkwerela lid-Direttur, u warajh lill-Arbitru, id-decizjoni ta' dawn li hi tilfet il-jedd li tkompli tibbenefika mill-ghajnuna taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali. In sintesi, hi ticcensura l-gudizzju taghhom hekk ghal kollox bazat fuq ir-rizultanzi ta' l-ispezzjoni li saret mill-Ispetturi tad-Dipartiment u l-valutazzjoni tax-xhieda moghtija quddiem l-Arbitru;

Koncizament, ir-raguni additata mid-Direttur appellat ghas-sospensjoni ta' l-assistenza hi dik li in bazi ghall-indagini kondotta minnu, l-appellanti u t-tliet uliedha ma kienux qed jirrisjedu fil-fond ta' ommha Numru 4, Triq Bur

il-Langas, iz-Zurrieq, fejn jabitaw ukoll iz-zewg hutha u l-*partner* ta’ l-omm. Fuq l-appell interpost lilu u wara li sema’ l-provi attendibbli l-Arbitru ddetermina li d-decizjoni tad-Direttur kienet, fic-cirkostanzi, ghal kollox gustifikata u li r-raguni sottomessa mill-appellanti kienet inaccettabli;

Din il-Qorti ma tixba’ qatt tirrepeti illi l-valutazzjoni tar-rizultanzi tal-provi testimonjali u l-gudizzju fuq l-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita` ta’ xhud jew xhieda invece ta’ ohrajn, jinvolvi ezercizzju ta’ apprezzament ta’ fatt rizervat lill-Arbitru fuq il-mertu. L-importanti hu li l-Arbitru jipprovdi motivazzjoni kongruwa l-ghala huwa jkun iqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu fonti ta’ prova ad eskluzjoni ta’ ohra;

Fil-kumpless tal-provi u mill-ezami l-aktar akkurat li setghet taghmel, din il-Qorti hi sodisfatta li l-Arbitru sew irraguna fuq il-provi li kellu quddiemu u wasal ghall-konkluzjoni korretta, incensurabbli fil-motivazzjoni taghha. Ic-cirkostanzi li jsahhu dan il-konvinciment fil-Qorti hu li difficilment tista’ titwemmen l-ispjegazzjoni li, b’ kumbinazzjoni, dakinhar ta’ l-ispezzjoni fis-sebgha ta’ filghodu l-appellanti u t-tliet uliedha kienu barra mid-dar ghaliex hi kienet qed tixtri. Ma’ dan jista’ jizdied ukoll illi difficilment il-versjoni provduta minn omm l-appellanti tista’ titqies kredibbli. Dan fir-rigward ta’ dik il-parti tax-xhieda taghha fejn tghid li ulied l-appellanti jorqdu fi tliet sodod separati, wahda flimkien maghha, fejn presumibilment joqghod ukoll il-*partner* taghha, tifel iehor fis-sodda ma’ binha u l-ohra flimkien ma’ l-appellanti fil-kamra tas-sodda ta’ bintha;

Intqal li “fi kwestjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja” – “**Joseph Borg *et* -vs- Joseph A. Bartolo**”, Appell, Sede Inferjuri, 25 ta’ Gunju 1980;

Kif taraha din il-Qorti f' dan il-kaz, anke jekk mhux eskluz li ghad hemm familji li jghixu u jorqdu fis-sitwazzjoni suggerita minn omm l-appellanti, il-kwestjoni l-izjed sostanzjali tibqa' dik li, fic-cirkostanzi u l-provi li tressqu, il-versjoni moghtija ma tistax, fil-fehma tal-Qorti, titqies la versomili u lanqas plawsibbli b' mod li tinduci fil-Qorti dik "ic-certezza morali" li tippreciza d-decizjoni a **Vol. XXXVI P I p 319**. Una volta li l-Qorti ma tistax toqghod b' affidament fuq ix-xhieda moghtija mill-appellanti u minn ommha, il-konsegwenza logika hi dik li ma tqisx l-allegazzjoni taghha li hija kienet tghix fil-fond imsemmi, bhala wahda fededenja. Konsegwentement ser tghaddi biex tirrespingi l-aggravju lilha devolut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------